DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/695

tat-30 ta' April 2018

skont l-Artikolu 31(1) tad-Direttiva 2010/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, dwar miżura li ħadet id-Danimarka b'rabta mal-irtirar u l-ġbir lura ta' ċilindri tal-gass magħmula minn materjal imħallat tat-tip PrimaDonna/Compolite CS ta' 10 kg u 5 kg

(notifikata bid-dokument C(2018) 2535)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Id-Direttiva 2010/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2010 dwar apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 76/767/KEE, 84/525/KEE, 84/526/KEE, 84/527/KEE u 1999/36/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 31(1) tiegħu,

Billi:

(1) F'Awwissu 2016, wara serje ta' inċidenti, id-Danimarka għarrfet lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 30 tad-Direttiva 2010/35/UE, b'miżura għall-irtirar u l-ġbir lura mis-suq taċ-ċilindri tal-gass magħmula minn materjal imħallat, manifatturati minn Composite Scandinavia AB, Kompositvägen 3, 943 33 Öjebyn, l-Iżvezja u mqassma fid-Danimarka minn Primagaz Danmark A/S.

(2) Il-prodotti kkonċernati kienu mmanifatturati minn Composite Scandinavia AB. Dawn il-prodotti ġew approvati għat-tip skont id-dežinjazzjoni tat-tip "Compolite CS6" u "Compolite CS 10, Passion 10", skont it-tip deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami KE Nri 01-794441 u 08-11688701, maħruġa mill-korp notifikat Inspecta Sweden AB wara li saru testijiet skont l-istandards EN 12245:2002 u EN 14427:2004+A1:2005, u mibjugħa mill-kumpanija Primagaz Danmark A/S taħt l-isem kummerċjali "PrimaDonna 5 kg code 1305" u "PrimaDonna 10 kg code 1310". Iċ-ċilindri tal-gass li jintużaw mit-trakkijiet bil-forklifters li jaħdmu bil-gass, iddiżinjati skont iċ-ċertifikati għad-dežinjazzjoni tat-tip imsemmija hawn fuq, mhumiex affettwati mill-irtirar u l-ġbir lura.

(3) Ir-rekwiżiti tekniċi applikabbli għall-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr jinsabu fl-Annessi tad-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). Skont ir-rekwiżiti speċifiċi tat-Taqsima 6.2.4.1 fit-Taqsimiet I.1 tal-Anness I u t-Taqsima II.1 tal-Anness II tad-Direttiva 2008/68/KE, fil-każ li jkun hemm iktar minn standard wieħed referenzjat għall-applikazzjoni tal-istess rekwiżiti, għandu jiġi applikat biss wieħed minnhom, b'mod shiħ sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Għaldaqstant, ma għandux jinħareġ ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip skont żewġ standards differenti.

(4) Fil-klawżola 5.2.12, l-istandard EN 12245:2002 jistipula li ċ-ċilindri ma għandhomx jisplodu matul perjodu ta' żewġ minuti mill-bidu ta' test għan-nar, filwaqt li fil-klawżoli 5.2.13.1 u 5.2.13.2 l-istandard EN 14427:2004 +A1:2005 jistipula li ċ-ċilindri ma għandhomx jisplodu b'mod katastrofiku matul it-test, li suppost irid jitwettaq għal perjodu minimu ta' 30 minuta.

(5) In-notifika tad-Danimarka kienet akkumpanjata minn rapport dwar it-testijiet li twettqu fuq dawk iċ-ċilindri tal-gass magħmula minn materjal imħallat mid-Danish Institute of Fire and Security Technology (DBI) għall-istandard EN 14427:2004+A1:2005. Skont ir-rapport tat-testijiet, iċ-ċilindri ttestjati ma ssodisfawx il-kriterji kif deskritt fil-klawżoli 5.2.13.1 u 5.2.13.2 tal-istandard, hekk kif splodew b'mod katastrofiku wara inqas minn tliet minuti.

(6) Għalhekk, l-awtoritajiet Daniżi ordnaw lid-distributuri ta' dawn iċ-ċilindri biex jirtiraw dawk iċ-ċilindri tal-gass magħmula minn materjal imħallat mill-katina ta' distribuzzjoni, u biex jiġbru lura dawk iċ-ċilindri li kienu waslu diġà għand il-konsumaturi.

(7) Il-Kummissjoni stiednet lill-manifattur u lid-distributur fid-Danimarka biex jikkomunikaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-miżura li ħadu l-awtoritajiet Daniżi. Fir-risposta tiegħu, il-manifattur Composite Scandinavia AB

([1]) ĠU L 165, 30.6.2010, p. 1.
([2]) Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikoluži (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13).

stqarr li d-deċiżjoni kienet waħda infondata minħabba ġudizzju ħażin tar-riskju li dawn il-prodotti jġibu magħhom, u li l-prodotti kienu qed jimxu mar-rekwiżiti kollha tas-sikurezza. Skont il-manifattur, l-użu mhux xieraq ta' prodotti jew l-esponiment għal nar dirett ma jippruvax li l-prodotti fihom infushom huma ta' riskju serju. Id-distributur, Primagaz Danmark A/S, ukoll qajjem id-dubju dwar id-deċiżjoni tal-awtoritajiet Daniżi.

(8) Bħala segwitu għall-konsulta, il-Kummissjoni ġiet infurmata li l-Finlandja, l-Iżvezja u n-Norveġja ħadu miżuri simili ta' rtirar, b'rabta mal-istess prodotti.

(9) L-eżaminazzjoni tal-evidenza li pprovdew l-awtoritajiet Daniżi tikkonferma li ċ-ċilindri tal-gass magħmula minn materjal imħallat ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2008/68/KE dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikoluż. Għalhekk, iċ-ċilindri tal-gass magħmula minn materjal imħallat huma ta' riskju serju u jenħtieġ li jiġu rtirati u jinġabru lura mis-suq,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Din il-miżura li ħadet id-Danimarka, li tikkonsisti fl-irtirar u l-ġbir lura taċ-ċilindri tal-gass magħmula minn materjal imħallat tat-tip PrimaDonna/Compolite CS ta' 10 kg u 5 kg, manifatturati minn Composite Scandinavia, hija ġustifikata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' April 2018.

Għall-Kummissjoni
Violeta BULC
Membru tal-Kummissjoni